# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 2**

**Appell numru 515/2022/1**

***J & J Gauci Granite Limited* (C-21612)**

***v.***

***Grand Harbour Regeneration Corporation plc* (C-42094)**

1. Dan huwa appell ta' *Grand Harbour Regeneration Corporation Limited* ["l-awtorità kontraenti" jew "l-appellanti"] minn deċiżjoni tal-25 ta' Ottubru 2022 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbiku ["L.S. 601.03"], li laqa' oġġezzjoni ta' *J & J Gauci Granite Limited* ["*Gauci Granite*"] kontra deċiżjoni tal-appellanti li twarrab l-offerta tagħha wara sejħa għal offerti għal-kuntratt pubbliku magħmula mill-appellanti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-appellanti għamlet sejħa għal offerti "*for the upgrading of pavements and parking areas at Triq il-Lanċa, Valletta*". Fost il-kondizzjonijiet tas-sejħa taħt *special conditions*, *period of execution of tasks* kien hemm dik li tgħid hekk:

> »32.1 All works specified in this document shall be completed within forty (40) weeks from the date of order to start works as specified in Article 31.1 of the Special Conditions and as per submitted Gantt chart.
>
> »Furthermore, the Contractor shall ensure that the following mile-stones are attained:
>
> »12 weeks from order to start works: 400 sqm of paving sub-base (including services) and 300 sqm of exposed aggregate parking base;
>
> »20 weeks from order to start works: cumulatively 1,200 sqm of paving sub-base (including services) and 900 sqm of exposed aggregate parking base;
>
> »28 weeks from order to start works: cumulatively 2,000 sqm of paving sub-base (including services) and 1,500 sqm of exposed aggregate parking base.
>
> »The contractor will be expected to commit sufficient resources to carry out works on more than one area at the same time in order to guarantee that all works as specified in this tender document are completed on time. The Contractor may be requested to work on Sundays and Public Holidays, at his own expense, in order to meet the deadlines.«

3. *Gauci Granite* tefgħet offerta iżda l-appellanti b'ittra tas-7 ta' Settembru 2022 ("*notice of intent*") għarrfitha illi l-offerta tagħha twarrbet għax tqieset "*technically non-compliant*" u illi l-kuntratt kien sejjer jingħata lil *Schembri Barbros Limited*. Fost ir-raġunijiet għala twarrbet l-offerta hemm dik li tgħid hekk:

> »Gannt chart.
>
> »As per article 32.1 of the tender document, by the first milestone of 12 weeks "400 smq of paving sub-base and 300 sqm of exposed aggregate parking bays had to be completed". In the Gantt chart submitted with the offer, bidder indicated that the "supply and laying of concrete slabs inclusive of exposed aggregate slabs and ancillary works such as the formation of manholes" is to commence on week 13. The Gantt chart is thus considered as non-compliant. Since this is a note 3 requirement offer is considered as technically non-compliant.«

4. L-appellanti fl-ittra tagħha tas-7 ta' Settembru 2022 kompliet għarrfet lil *Gauci Granite* illi kien hemm nuqqasijiet oħra li setgħet talbet kjarifika jew korrezzjoni tagħhom billi jaqgħu taħt *note 2*[1] iżda ma ratx il-ħtieġa li tagħmel hekk ladarba l-offerta xorta kellha titwarrab għar-raġuni msemmija fil-parafrafu ta' qabel dan.

5. *Gauci Granite* ressqet oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni u l-bord bid-deċiżjoni tal-25 ta' Ottubru 2022 li minnha sar dan l-appell laqa' l-oġġezzjoni u ordna illi l-evalwazzjoni ssir mill-ġdid. Ir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

> »This board, having noted this objection filed by *JJ Gauci Granite Ltd* (herein after referred to as appellant) on 16/09/2022, refers to the claims made by the same appellant whereby the appellants mainly contend that:
>
> »A) according to the contracting authority, appellant did not reach a certain milestone by 12 weeks; conflictingly however the technical offer did not require this 12-week milestone;
>
> »B) the contracting authority did not correctly assess the Gantt chart submitted by appellant.
>
> »The contracting authority in their letter of reply dated 23rd September 2022 together with their verbal submissions contended:
>
> »A) appellant seems to have either misunderstood or ignored the tender requests with regards to milestones;
>
> »B) the technical offer required a programme of works in the form of a Gantt chart and if this was unclear appellant had the option of seeking clarification.
>
> »The board, having considered the arguments and documentation from all parties namely the appellant, the contracting authority and preferred bidder including the testimony of the witnesses duly summoned noted that:
>
> »During the hearing it was established that the letter of rejection sent by the contracting authority to Messrs *JJ Gauci Granite Ltd* erroneously made reference to 'bays' instead of 'base' when quoting article 32.1 of the published special conditions.

[1] *Note 2* tgħid hekk: "Tenderers will be requested to either clarify/rectify any incorrect and/or incomplete documentation, and/or submit any missing documents within five (5) working days from notification."

> »Through documentation submitted, the board notes that a number of clarifications relating to the eligibility criteria and other criteria falling under 6 'Note 2' should have been sought but were skipped on the pretext that bids were technically not complaint.
>
> »Also, the board notes that it remains unclear on whether the first milestone requested through article 32.1 of the special conditions would be reached by the appellant company and again this could have been a matter of clarification.
>
> »The board opines that the evaluation process should be reinitiated and to follow fully the three (3) sequential stages of evaluation: administrative avaluation, technical evaluation and financial evaluation, and clarifications sought where necessary.
>
> »A new evaluation committee is to be appointed to be composed of members not previously involved in this evaluation.
>
> »The board concludes and directs that:
>
> »a) upholds the appellant's objection;
>
> »b) evaluation process is to be reinitiated as detailed above;
>
> »c) a new evaluation committee is to be appointed composed of different members;
>
> »d) directs that the deposit paid by the appellant be reimbursed.«

6. L-awtorità kontraenti appellat b'rikors tal-14 ta' Novembru 2022, li *Gauci Granite* wieġbet għalih fis-6 ta' Diċembru 2022.

7. L-aggravji tal-appell ġew imfissra hekk:

> »L-Ewwel Aggravju – In-*notice of intent*, mibgħut mis-soċjetà esponenti lis-soċjetà appellanta [*recte*, appellata, *i.e. Gauci Granite*] fost nuqqassijiet oħra jgħid illi n-nuqqas li wassal għal-iskwalifikazzjoni tal-offerta tas-soċjetà appellata kien jitratta primarjament il-fatt illi l-*programme of works* illi kellu jkun parti essenzjali tall-offerta, li ġie sottomess permezz tall-*Gannt chart* provduta mis-soċjetà appellata, kien juri illi hija ma kinitx ser iżżomm mat-termini stipulati fl-artikolu 32.1 (*Section 2 – Special Conditions*) tat-*tender document.* … … …
>
> »… … …
>
> » Dan ir-rekwizit kien rekwizit li jaqa taħt '*note 3*' ta' klawzola 5 tal-istruzzjonijiet għall-offerenti li ma tippermettiex li ssir retifika u titstipula illi:
>
> > »"Only clarifications on the submitted information in respect of the latter may be requested. No clarifications shall be allowed where there is no doubt that the submitted technical offer does not comply to the requested specifications."
>
> »Dan jirrikjedi illi s-soċjetà esponenti setgħat biss titlob kjarifika rigward l-informazzjoni provduta mill-offerent, f'dan il-każ is-soċjetà appellata, mingħajr ma ssir ebda rettifikazzjoni, u, f'każ illi ma jkunx

hemm dubju illi l-offerta teknika hekk kif sottomessa ma tissodisfax ir-rekwiziti tekniċi speċifikati, ma għandhomx jintalbu kjarifiki.

»*Stante* li mill-*programme of works ossia* l-*Gannt chart* sottomessa mis-soċjetà appellata kien joħroġ biċ-ċar li dak rikjest fiż-żmien stipulat, *ossia* fl-ewwel *milestone* ta' tnax-il (12) ġimgħa mill-*order to start works* … ma kienx ser ikun sar fiż-żmien stipulat skond din l-ewwel *milestone* li kella tintlaħaq, allura ma kienx hemm lok ta' kjarifika u l-unika mod kif l-offerta tas-soċjetà offerenti setgħat tkompli tiġi evalwata kienet billi tiġi retifikata l-*Gannt chart* (*programme of works*) li hija ssottomettiet mal-offerta tagħha sabiex turi illi x-xogħlijiet li kellhom jitwettqu fl-ewwel tnax-il (12) ġimgħa mill-*order to start works* kienu verament ser ikunu qed isiru skond dak rikjest fl-istess *tender document*. Għaldaqstant, il-Bord ta' Reviżjoni ma kellux raġun meta jgħid fid-deċiżjoni tiegħu li "*this could have been a matter of clarification*".

»It-Tieni Aggravju – Fid-deċizjoni tiegħu il-bord stess, wara li sema' x-xhieda u evalwa l-evidenza u d-dokumentazzjoni kollha prodotta mill-partijiet jgħid:

> »"Also, the board notes that it remains unclear on whether the first milestone requested through article 32.1 of the special conditions would be reached by the appellant company."

»Għaldaqstant il-bord jikkonferma fid-deċiżjoni tiegħu illi kien baqa' ma ħariġx b'mod ċar jekk is-soċjetà appellata kinitx ser tilħaq l-ewwel *milestone* stipulat fl-artikolu 32.1 ta' l-i*special conditions*, u li din setgħet kienet sempliċement kwistjoni ta' kjarifika. Madankollu, anke wara li s-soċjetà appellata kellha kull opportunità tagħmel il-kjarifiki tagħha, u tippreżenta l-evidenza u x-xiehda kolla neċessarja sabiex turi lill-Bord ta' Reviżjoni illi s-sottomissjoni tagħha kienet tissodisfa dak rikjest fit-*tender document*, il-Bord ta' Revizjoni jerġa' jikkonferma l-konklużjoni tall-bord ta' evalwazzjoni oriġinali, billi jikkonstata li lanqas għalih ma kienet sorvolata l-kwistjoni ta' jekk is-soċjetà appellata kinitx ser tkun f'posizzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti tat-*tender document* li kieku kellha timxi mal-*programme of works* (*Gannt chart*) sottomessa mal-offerta tagħha. Għaldaqstant huwa inkonċepibbli kif, jekk il-Bord ta' Revizjoni wkoll, wara li sema' x-xhieda u analizza l-provi kolla preżentati mis-soċjetà appellanta, baqa' b'dubju gravi dwar jekk l-offerta sottomessa mis-soċjetà appellanta kinitx tikwalifika teknikament u setgħatx tissodisfa l-kriterji kollha tat-talba għal offerti, wieħed loġikament jistaqsi kif ser ikun f'posizzjoni li jasal f'konklużjoni favorevoli għas-soċjetà appellanta, u/jew diversa minn dik tal-bord ta' evalwazzjoni ta' qablu, bord ta' evalwazzjoni ġdid, liema bord ta' evalwazzjoni ġdid mhux ser ikollu tali provi u xiehda għad-disposizzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jagħsal għal-konklużjonijiet tiegħu. Għaldaqstant, … ir-rimedju mogħti fid-deċizjoni jista' biss iwassal għal aktar telf ta' żmien u riżorsi li ma jista' jwassal għal ebda benefiċċju komuni.

»Kif diġà premess, l-ebda kjarifika mogħtija mis-soċjeta appellata ma setgħat qatt tissana l-offerta teknika tagħha. *Di più*, il-*programme of works*, *ossia* l-*Gannt chart* preżentata mis-soċjetà appellata, li kienet tagħmel parti obbligatorja mill-offerta teknika (*tenderers' technical offer*), kienet ċara u ma kienet tħalli ebda dubju illi l-*milestone* li kella

tintlaħaq fl-ewwel tnax-il (12) xahar mill-*order to start works*, hekk kif kien jirrikjedi t-*tender document*, ma kinitx ser tintlaħaq u għaldaqstant l-ebda kjarifika ma setgħat tkun biżżejjed sabiex tissana dak sottomess mis-soċjetà appellata, sakemm ma ssirx ratifikazzjoni tal-istess *programme of works*, *ossia* l-*Gantt chart* sottomessa, xi ħaġa illi qatt ma setgħet jew tista' ssir. Madankollu, fid-deċiżjoini tiegħu il-Bord ta' Revizjoni ħass li l-bord ta' evalwazzjoni messu ikkomunika mas-soċjetà appellata u talab kjarifika, dan *nonostante* li l-kwistjoni kienet waħda li taqa' taħt *note 3* u ma setgħet issir ebda ratifikazzjoni ta' dak sottomess mis-soċjetà appellata.

»Meta wieħed jifli bir-reqqa dak sottomess fil-*programme of works* (*Gannt chart*) sottomess mis-soċjetà appellata rigwardanti x-xogħlijiet li kellhom isiru fl-ewwel tnax-il (12) ġimgħa mill-*order to start works*, wieħed jara li l-kliem tekniku użatt fl-istess *Gannt chart* ma kien jirrifletti bl-ebda mod dak rikjest fl-artikolu 32.1 tal-i*special conditions*, liema fatt jindika illi l- *programme of works* (*Gannt chart*) preżentata mal-offerta teknika tal-oblatur ma kinitx intiża sabiex tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-istess dokument għall-offerti – nuqqas li bl-ebda mod ma seta' jiġi sanat mill-bord ta' evalwazzjoni u wisq anqas mis-soċjetà appellata. Kif diġa ġie stabbilit ripettutament minn din il-qorti:

> "L-eċċess fil-manjanimità u fit-tfittix sabiex jiġu salvati offerti ak-kost ta' kollox mhux espressjoni ta' proporzjonalità imma huwa sproporzjon kontra min kien *compliant* mill-bidu nett. Din il-qorti mhux l-ewwel darba li tirribadixxi li kull oblatur irid, sa mill-bidu nett mal-offerta tiegħu, isegwi rigorożament dak li trid is-sejħa għal offerti u m'għandux jippretendi li jiġi mitlub "jirranġa" l-offerta biex ikun kompatibbli ma' dak mitlub."[2]

»*Di piu*, f'dan il-każ is-soċjetà appellata kellha kull ċans tissottometti talba għal kjarifika fi stadju ta' kjarifiki, iżda dan baqgħet ma għamlitux u pproċediet billi tissottometti *programme of works* (*Gannt chart*) li ma kienx jissodisfa ir-rekwiziti tekniċi stipulati fit-*tender document*.

»It-Tielet Aggravju – Mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, f'każ li s-soċjetà appellanti kellha tipproċedi skond id-deċizjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dan ser iwassal sabiex bord ta' evalwazzjoni ġdid jerġa' jevalwa l-istess dokumentazzjoni hekk kif sottomessa mis-soċjetà appellanti, inkluż il-*programme of works* (*Gannt chart*) hekk kif preżentata mis-soċjetà appellanti, u bl-istess mod bħall-bord ta' evalwazzjoni ta' qablu mhu ser ikun jista' jitlob ebda ratifikazzjoni [*recte*, rektifikazzjoni] tal-*programme of works stante* li dan jaqa' taħt *note 3* u għaldaqstant ma tista' ssir ebda korrezzjoni jew ratifikazzjoni [*recte*, rektifikazzjoni] mis-soċjetà appellata sabiex tissana l-offerta tagħha.

»Ir-Raba' Aggravju – Il-*milestones* li kellhom jiġu rispettati skond dak mitlub fit-*tender document*, speċifikament dawk taħt l-artikolu 32.1 tal-i*special conditions*, kienu l-istess għal kulħadd u li kieku l-offerta tas-soċjetà appellanti kella tiġi ammessa sabiex tkompli tiġi evalwata mill-bord ta' evalwazzjoni, *nonostante* l-fatt illi kien joħroġ b'mod ċar illi din kienet te*chnically non-compliant stante* li ma kinitx ser tkun konformi mar-rekwiżiti tekniċi tas-sejħa għall-offerti għaliex ma kinitx ser tkun

2 App. 35/2022, 22 ta' Ġunju 2022

f'posizzjoni li tagħmel ix-xogħol rikjest fit-*tender document* fl-ewwel tnax-il (12) ġimgħa mill-*order to start works* u dan skond il-*programme of works* (*Gannt chart*) sottomess minnha stess, kien ser iwassal sabiex, *oltre* mill-fatt illi kienu ser jintilfu l-għanijiet tal-proġett innifsu, din kienet ser tikseb vantaġġ inġust fuq l-offerenti l-oħra u għaldaqstant l-iskwalifika tagħha kienet neċessarja sabiex titħares il-kompetizzjoni ġusta.

Il-Ħames Aggravju – … il kwistjoni dwar l-izball tipografiku msemmi fid-deċiżjoni mogħtija mill-bord ma kienx żball gravi jew sostantiv tant li b'xi mod seta' jwassal għad-deċiżjoni tal-bord li jilqa' l-appell tas-soċjetà appellata. Jiġi rilevat li dan l-iżball sar biss fin-*notice of intent* mibgħut lis-soċjetà appellata fejn saret referenza għall-kelma '*bays'* minflok ma saret referenza għall-kelma '*base'* sabiex tirrifletti dak li kien miktub f'artikolu 32.1 tal-i*special conditions* tat-*tender document de quo*. Madankollu, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-offerta tas-soċjetà appellata kienet waħda teknikament *non-compliant* għar-raġunijiet surreferiti u dan l-izball ma seta' qatt ikun bazi suffiċjenti sabiex jintlaqa' l-appell tas-soċjetà appellata għaliex dan l-iżball kien sar fi stadju ta' notifika u mhux fi stadju ta' evalwazzjoni tat-*tender* u tal-offerta sottomessa mis-soċjetà appellata.

Is-Sitt Aggravju – Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-proġett ravvizat fit-*tender* huwa wieħed parzjalment finanzjat minn fondi ewropej liema fondi iridu jkunu żborsati sal-aħħar ta' Diċembru 2023 u f'każ illi kellha terġa' ssir evalwazzjoni mill-ġdid tal-offerti wara li jinħatar bord ta' evalwazzjoni ġdid, skond id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni, dan ser iwassal sabiex it-termini ta' żmien stipulati fl-istess *tender* ma jkunux jistgħu jintlaħqu u l-proġett "*for the upgrading of pavements and parking areas at Triq il-Lanċa, Valletta*" ma jkunx jista' jsir.

»Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi is-soċjetà esponenti … titlob lil din il-qorti sabiex … jogħġobha:

»• tħassar u tirrevoka id-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi datata 25 t'Ottubru 2022 (Każ numru 1801);

»• tikkonferma d-deċiżjoni tal-bord ta' evalwazzjoni appuntat mis-soċjetà kontraenti appellanti u tordna li l-offerta tas-soċjetà appellata … għall-finijiet tat-*tender de quo* tiġi skwalifikata; u

»• sussidjarjament, jekk dak mitlub fl-ewwel u fit-tieni talba mhuwiex possibli, tordna l-kanċellazzjoni ta' s-sejħa għal offerti *de quo* b'referenza GHRC/011/2022-MXT – *tender for the upgrading of pavements and parking areas at Triq il-Lanċa, Valletta*.

»Bl-ispejjeż … … …«

8. *Gauci Granite* wieġbet hekk:

»… … … dak li qiegħda titlob il-korporazzjoni appelanti ma hija xejn għajr apprezzament mill-ġdid tal-provi u fatti imressqa u ġà kkunsiderati mill-Bord ta' Rivizjoni.

»… … … hija prassi stabbilita li l-Qrati tal-Appell bħala qrati ta' reviżjoni ma jiddisturbawx l-apprezzament u d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim Istanza, fil-każ odjern Bord ta' Reviżjoni, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet gravi li jimportaw inġustizzja manifesta, motivazzjoni li tkun inkongruwa, inadequata, illogika jew apprezzament manifestament żbaljat.

»… … …

»Mis-smigħ quddiem il-bord tal-appell ħareġ bl-aktar mod ċar li l-bord ta' aġġudikazzjoni interpreta l-klawsoli tas-sejħa għall-offerti żbaljatament, ħawwad l-istadji rikjesti mat-termini ta' żmien imposti.

»Il-bord ta' aġġudikazzjoni għamel interpretazzjoni żbaljata wkoll tal-ispjegazzjoni ta' dak riferut bħala *note 3*, kif baqa' jagħmel f'dan l-appell. Din in-nota spejgattiva tistipola li filwaqt li rettifikazzjonijiet tal-kundizzjonijiet dikjarati taħt *note 3* ma jistgħux jsiru, kjarifiċi huma permessibbli. Huwa dan li tgħid n-*note 3*, huwa dan li kien affermat mill-bord tal-appell, kjarifka u mhux retifikazzjoni u huwa dan li l-awtorità kontraenti qed tagħmilha ta' bir-ruħha li ma tifihmx.

»Mingħajr preġudizzju għal dan il-fatt, it-terminu rikjest fis-sejħa għall-offerta hija dik stipulata [*recte*, it-terminu … huwa dak stipulat] fis-sejħa għal offerti. Is-sejħa kienet tistipola li mal-offerta kellu jiġi eżebit il-*construction management plan*, *health and safety risk assessment*, *programme of works*, it-*technical offer questionaire* u d-dettalji tal-esperti. L-appellat kien konformi ma' dawn ir-rekwiżiti, li stipulaw terminu għall-konklużjoni tax-xogħlijiet ta' erbgħin (40) ġimgħa, konferma li taw l-appellati fl-istess sejħa. Is-sejħa ma kienet tirrikjedi l-ebda terminu ieħor. Il-*milestone* li fuqu, erronjament, qiegħda tibbaża l-appell tagħha l-korporazzjoni appellanti, tifforma parti mill-kundizzjonijiet speċifiċi u mhux mill-offerta teknika.

»Minkejja dak spjegat preċedentement, jiġi spjegat ukoll li hija għal darb'oħra żbaljata l-korporazzjoni appellata meta interpretat il-kundizzjonijiet speċifiċi. Dawn jagħmlu riferenza għall *exposed aggregate concrete base* u mhux il-*parking bays* kif qed tiċċita n-*notice of intent*. L-artikolu 32.1 għandu sinifikat kompletament differenti fil-qasam tal-kostruzzjoni. Filwaqt li l-*aggregate exposed concrete base* tirreferi għas-saff (*layer*) ta' taħt il-*finish* (il-bażi) il-*parking bays* jirreferu għall-*finish*. Dan joħroġ ukoll fid-deskrizzjoni tas-*sub base* li jiġi saff taħt il-bażi tal-pavimentar, li huwa tip ta' *finish* ieħor.

»L-offerta teknika ma kienet tirrikjedi l-ebda data għall-konklużjoni tal-*parking bays* apparti t-terminu ġenerali ta' erbgħin (40) ġimgħa. Jingħad ukoll li dan, kuntrarjament għal dak sottomess mill-korporazzjoni appellanti, huwa fażi li tiġi wara li tkun tlestiet il-bażi (*base*).

»Speċifikament dwar l-aggravju numru wieħed, li jitratta dwar il-*programme of works* "li kellu jkun parti essenzjali tal-offerta, li ġie sottomess permezz tal-*Gannt chart …* juri illi hija ma kinitx ser iżżomm mat-termini stipulati fl-artikolu 32.1 (*Section 2 – Special Conditions*).

»Jibda sabiex jingħad li l-i*special conditions* ma jirregolawx l-offerta, iżda hija l-offerta teknika li tirregola l-offerta u jerġa' jiġi enfasizzat li l-offerta teknika ma kienet tagħmel riferenza għal ebda *special conditions*. L-offerta teknika kienet tistipola li l-proġett kellu jkun lest fi

żmien erbgħin ġimgħa u riedu *Gannt chart*; il-konferma tal-erbgħin ġimgħa ngħatat kif ukoll ingħata l-*Gannt chart*.

»Inġabet ukoll il-prova li l-klawsola fil-parti tal-offerta teknika kienet miktuba differenti minn kif din kienet solitament tinkiteb meta jkun hemm *milestones* importanti. F'dak il-kaz, fl-offerta teknika jkun hemm riferenza għall-i*special conditions*. Quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dan il-punt ġie ppruvat billi ġew eżebiti numru ta' sejħiet għal offerti li fil-fatt jagħmlu riferenza għall-i*special conditions*.

»Lil hinn mill-fatt li s-sejħa kienet tirrikjedi biss terminu wieħed – tkomplija tal-proġett fi żmien erbgħin ġimgħa – il-proġett kif ippreżentat mis-soċjetà appellata tramite l-*Gannt chart* xorta waħda kien jindika li kienu ser jilħqu l-miri rikjesti fl-i*special conditions*. Biss il-bord ta' aġġudikazzjoni ma fehmitx dak lilha spjegat [*recte*, il-bord … ma fehemx dak lilu spjegat] fil-*Gannt chart* u, minflok ma [talab] kjarifika, kif illum ġie determinat li [kellu jagħmel, baqa' jinsisti] li ]ma kellux jagħmel] hekk. Filwaqt li l-*mile stones* kienu jindikaw:

> »"12 weeks from order to start works; 400 square metres of paving sub-base (including services and 300 square metres of exposed aggregate parking base).
>
> »"20 weeks from order to start works; 1,200 square metres of paving sub-base (including services and 900 square metres of exposed aggregate parking base).
>
> »"28 weeks from order to start works; 2,000 square metres of paving sub-base (including services and 1,500 square metres of exposed aggregate parking base)."

»Il-*Gannt chart* tal-appellati turi li dawn il-*milestones* ser jintlaħqu kollha bejn *week 11* u *week 16*.

»L-appellati spjegaw biċ-ċar quddiem il-Bord ta' Revizjoni kif dak deskritt fil-*Gannt chart* jiġifieri *supply and laying of underground/ buried infrastructure such as sleeves* huwa sinonomu għal dak rikjest fil-*milestones*, jiġifieri, *sub-base* u *base*.

»Dwar it-tieni aggravju, fejn il-korporazzjoni appellanti qed issostni li l-bord ta' appell stess [kellu] dubbju dwar jekk l-ewwel mira stipulata fl-i*special conditions* kinitx ser tintlaħaq u [sostna] li kien dover tas-soċjetà appellata li ġġib din il-prova quddiem il-Bord ta' Reviżjoni, jingħad is-segwenti.

»Fl-appell odjern, is-soċjetà appellanti sostniet bil-provi li, differenti minn kif qed tiddefendi ruħha l-korporazzjoni appellanti, fejn tuża l-kliem *tender document*, l-offerta teknika hija regolata mill-parti proprju riferita bħala l-offerta teknika u minn dik biss. L-uzu tal-kliem *tender document* huwa intiż biss sabiex il-korporazzjoni appellanti tipprova ssalva l-pozizzjoni tagħha u tissana l-iżbalji kbar tagħha.

»L-offerta teknika kienet skrupolosament segwita mis-soċjetà appellata, *punto e basta*. Mingħajr preġudizzju għal din is-sottomissjoni, xorta waħda, jerġa' jiġi repetut li l-miri rikjesti ta' tnax-il (12) ġimgħa u l-miri l-oħra kienu se jintlaħqu u l-bord ta' aġġudikazzjoni, jekk kellu dubbju, kellu sempliċiment jitlob kjarifika. Biss joħroġ ċar li l-bord ta' aġġiudikazzjoni dan ma riedx, u sal-lum ma jridx, jagħmlu.

»Dwar it-tielet aggravju, fejn qiegħed jingħad li kull evalwazzjoni tal-offerta minn bord ta' aġġudikazzjoni ġdida xorta ma tista' tippermetti ebda ratifikazzjoni tal-program ta' xogħlijiet, jingħad … li l-korporazzjoni appellata qed tagħmilha ta' bir-ruħha li ma tridx0 tifhem id-deċiżjoni mogħtija. Qiegħda tipprova tbiddel dak kollu li nkiteb ukoll mill-Bord ta' Reviżjoni. Dan l-aggravju huwa fieragħ u ftit hemm x'jingħad dwaru għajr li jekk ikun bord ta' aġġudikazzjoni serju u indipendenti, ser jkun kapaċi jifhem id-direzzjoni mogħtija lill-istess bord mill-Bord ta' Reviżjoni.

»Dwar ir-raba' aggravju, dwar il-*milestones* u jekk kellha tiġi ammessa s-soċjetà appellanti kienet ser tikseb vantaġġ inġust fuq l-offerenti l-oħra, jingħad li dik hija konklużjoni gratwita u għal darb'oħra żbaljata. Dan l-aggravju qiegħed jipprova jinsinwa konklużjoni differenti minn dik raġġunta mill-Bord ta' Reviżjoni. Il-Bord ta' Reviżjoni ddikjara li l-konklużjoni tal-bord ta' aġġudikazjoni li s-soċjetà appellata kienet *technically non-compliant* ma kinitx konklużjoni korretta fost affarijiet oħra, peress li l-istess bord ta' aġġudikazzjoni wasal għal konklużjoni-jiet li ma kellux jasal qabel ma jagħmel id-debiti kjarifiċi.

»Il-bord iddikjara li l-bord ta' aġġudikazzjoni għamel diversi żbalji fil-kunsiderazzjoni tiegħu u mhux interpretazzjoni żbaljata biss tal-*milesstones*. Il-bord iddikjara li

> »"Through the documentation submitted, the board notes that a number of criteria relating to eligibility criteria and other criteria falling under note 2 should have been sought but were skipped on the pretext that the bids were technically non-compliant."

»Kienet wara din l-osservazzjoni li l-bord għadda sabiex jikkonferma li, ukoll fuq il-*milestones* formanti parti minn dan l-aġġravju, l-bord kellu jagħmel id-debita kjarifikazzjoni. Il-Bord ta' Reviżjoni fil-fatt kkonkluda li

> »"The board opines that the evaluation process should be re-initiated and to follow fully the three (3) sequential stages of evaluation: sdministrative evaluation, technical evaluation and financial evaluation, and clarifcations sought were necessary."

»Imkien minn dak li kkonkluda l-Bord ta' Reviżjoni ma hemm xi vantaġġ għas-soċjetà appellata jekk l-istess bord ta' aġġudikazzjoni [jsegwi] r-regoli [tiegħu] stess.

»Dwar il-ħames aggravju, dwar ir-raġuni mgħotja għall-iskwalifika dwar il-*bays* jew *base* ridott mis-soċjetà appellanti għal żball tipografiku, fil-fatt imur lil hinn minn dan. Fix-xiehda ħareġ ċar li waqt l-aġġudikazz-joni d-definizzjoni *base* u *bays* kienu interpretati bħala sinonomi. Dan huwa totalment żbaljat, huwa evidenti ukoll mid-dokumenti tat-*tender*, hekk kif jidher id-differenza bejniethom. Is-*sub-base* jirriżulta fil-pjanti (*schematic drawings*) tal-proġett kif jidhru ukoll il-*parking bays* rikjesti fl-istess proġett. Il-punt li kien qiegħed jiġi dibattut kien bilfors il-*base* peress li l-*parking bays* huma fażi tal-proġett li tiġi aktar tard. Fuq dan is-soċjetà appellata tagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija mill-Perit Borg Bonaci li mhux biss spjega d-differenza iżda spjega wkoll għaliex is-soċjetà appellata kellha raġun. Jirriżuta wkoll provat l-iżball tal-bord aġġudikattiv mill-kontro-eżami tax-xhud prinċipali tas-soċjetà appell-anti waqt is-smigħ tal-Bord ta' Reviżjoni, l-Perit Mario Bonello li nqa-

bad diversi drabi f'kontradizzjonijiet meta pprova jiġġustifika l-konkluż-jonijiet tal-bord ta' aġġudikazzjoni.

»Dwar is-sitt aggravju jingħad biss li dan mhuwiex aggravju legali; huwa biss intiż sabiex jagħaml pressjoni inaċċettabli fuq il-qorti u [għandu jiġi skartat] kompletament mingħajr ebda kunsiderazzjoni.

»Dwar it-talba tal-appell issir riferenza għat-talba sussidjarja numerata 3 u jiġi sollevat li dak mitlub mhuwiex fil-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti tal-appell: talba oħra intiża biss sabiex tpoġġi lill-qorti taħt pressjoni indebita.

»… … …«

9. Jingħad qabel xejn illi l-ewwel argument fit-tweġiba ta' *Gauci Granite* – *viz.* illi qrati fil-grad ta' appell "ma jiddisturbawx l-apprezzament u d-diskrezz-joni" tal-qrati tal-ewwel grad – huwa argument *ormai* superat għax il-Qorti tal-Appell tqis illi għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad[3].

10. Tgħid ħażin ukoll *Gauci Granite* meta tgħid illi "l-i*special* *conditions* ma jirregolawx l-offerta". L-i*special conditions* huma wkoll parti mill-kondizz-jonijiet li għandhom jitħarsu mill-oblaturi u għalhekk nuqqas ta' konformità mal-i*special conditions* huwa nuqqas li jista' jwassal biex offerta titwarrab.

11. Il-kwistjonijiet ewlenin mela huma dawn: i. l-offerta kif imfissra fil-*Gannt chart* hija ċara biżżejjed biex minnha tista' tgħid jekk hijiex jew le konformi ma' dak li jridu l-kondizzjonijiet tas-sejħa? ii. jekk ma hijiex ċara, il-kumitat tal-għażla seta' u kellu jitlob kjarifika qabel ma jwarrabha? iii. jekk l-offerta hija ċara, kienet jew ma kinitx konformi mal-kondizzjonijet tas-sejħa?

---

3 Ara Antoinette Cutajar *v.* Onor. Joseph Muscat *et*, App. 14/12/2018, rik. 891/2014, para. 7.

12. *Gauci Granite* fit-tweġiba tagħha għall-appell tgħid illi "dak deskritt fil-*Gannt chart* jiġifieri *supply and laying of underground / buried infrastructure such as sleeves* huwa sinonomu għal dak rikjest fil-*milestones*, jiġifieri, *sub-base* u *base*". Dan ma huwiex korrett. Dak li riedu l-*milestones* huwa illi sat-tnax-il ġimgħa jkunu tlestew ukoll "*300 sqm of exposed aggregate parking base*". Il-*Gannt chart* iżda tgħid illi "*supply and laying of concrete slabs, inclusive of exposed aggregate slabs*" għandu jinbeda fit-tlittax-il ġimgħa u jitlesta sat-tnejn u għoxrin ġimgħa, li jfisser illi sat-tnax-il ġimgħa dan ix-xogħol ma jkunx għadu nbeda, u wisq anqas għalhekk ma jkunu tqiegħdu t-tliet mitt metru kwadru (300 $m^2$) ta' "*exposed aggregate parking base*" li trid il-*milestone*.

13. Il-*Gannt chart* għalhekk turi, bla ħtieġa ta' ebda kjarifika, illi l-*milestones* li jridu l-kondizzjonijet tas-sejħa ma humiex sejrin jitħarsu, u l-offerta kif imfissra fil-*Gannt chart* hija ċara biżżejjed biex minnha tista' tgħid illi ma hijiex konformi ma' dak li jridu l-kondizzjonijiet tas-sejħa.

14. Billi fl-ittra tas-7 ta' Settembru 2022 (*notice of intent*) issemmew "*bays*" flok "*base*" ma jibdel xejn minn dan: il-fatt jibqa' illi t-tqegħid ta' "*exposed aggregate parking base*" sejjer jibda fit-tlittax-il ġimgħa flok ikunu ġà tqiegħdu 300 $m^2$ minnu sat-tnax-il ġimgħa.

15. Għamlet sew għalhekk l-awtorità kontraenti li warrbet l-offerta bla ma talbet ebda kjarifika, u l-ewwel aggravju għandu jintlaqa'. Billi dan huwa biżżejjed biex jintlaqa' l-appell, ma jibqax meħtieġ li nqisu l-aggravji l-oħra.

16. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar id-deċiżjoni appellata tal-Bord ta' Reviżjoni u tikkonferma d-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti.

17. L-ispejjeż ta’ dan l-appell tħallashom *Gauci Granite*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da